

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Novembru 2015 – EREF vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-694/14) ⁽¹⁾****(“Rikors għal annullament — Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni tal-ambjent u għall-enerġija għall-perijodu 2014-2020 — Assoċjazzjoni — Nuqqas ta' interess dirett tal-membri — Inammissibbiltà”)****(2016/C 038/72)****Lingwa tal-kawża: l-Ingliż****Partijiet****Rikorrenti:** European Renewable Energies Federation (EREF) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: U. Prall, avukat)**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn, K. Herrmann u R. Sauer, aġenti)**Suġġett**

Talba għall-annullament tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, tat-28 ta' Ġunju 2014, intitolata “Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014-2020” (ĠU C 200 p. 1), fir-rigward tal-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kompatibbiltà mas-suq intern tal-għajnuna favur l-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) European Renewable Energies Federation (EREF) hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 409, 17.11.2014.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Novembru 2015 – Actega Terra vs UASI – Heidelberger Druckmaschinen (FoodSafe)**(Kawża T-766/14) ⁽¹⁾****(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja verbali FoodSafe — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Rikors manifestament infondat fid-dritt”)****(2016/C 038/73)****Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż****Partijiet****Rikorrenti:** Actega Terra GmbH (Lehrte, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Onken, avukat)**Konvenut:** L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Schifko, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Heidelberger Druckmaschinen AG (Heidelberg, il-Ġermanja) (rappreżentant: I. Lins, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-8 ta' Settembru 2014 (Każ R 2440/2013-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Heidelberger Druckmaschinen AG u Actega Terra GmbH.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Actega Terra GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 46, 9.2.2015.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Novembru 2015 – L-Italja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-809/14) ⁽¹⁾

(“Rikors għal annullament — Sistema lingwistika — Avviż ta’ pożizzjoni vakanti għal pożizzjoni ta’ direttur fiċ-Ċentru tat-Traduzzjon għall-Korpi tal-Unjoni — Rekwiżiti lingwistiċi li jidhru fil-formola ta’ preżentazzjoni online tal-kandidaturi — Allegata diverġenza mal-avviż ta’ impjeg vakanti ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali — Ittra mibgħuta mill-Kummissjoni wara li ngħalqet il-proċedura tal-preżentata tal-kandidaturi — Inammissibbiltà”)

(2016/C 038/74)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: G. Palmieri, aġent, assistit minn P. Ġentili, avvocato dello Stato)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u G. Gattinara, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament ta’ allegata deċiżjoni tal-Kummissjoni inkluża f’ittra tat-2 ta’ Ottubru 2014, indirizzata lid-Direttur Ġenerali għall-Unjoni Ewropea tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin Taljan, mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali (DG) “Riżorsi Umani u Sigurtà” tal-Kummissjoni.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 46 tad-9.2.2015.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta’ Diċembru 2015 – Banco Espírito Santo vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-814/14) ⁽¹⁾

(“Rikors għal annullament — Għajjuna mill-Istat — Għajjuna mill-awtoritajiet Portugiżi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjoni finanzjarja Banco Espírito Santo, SA — Ħolqien ta’ bank tranżitorju — Deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet — Impenji ppreżentati mill-awtoritajiet Portugiżi — Kontroll tal-osservanza ta’ dawn l-impenji minn monitoring trustee — Remunerazzjoni tal-monitoring trustee mill-bank għall-istralċ — Talba għal annullament parzjali — Inammissibbiltà”)

(2016/C 038/75)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrent: Banco Espírito Santo, SA (Lisbona, il-Portugall) (rappreżentanti: M. Gorjão-Henriques u L. Bordalo e Sá, avukati)